

QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Ottubru 2007
— Pergan Hilfsstoffe für industrielle Prozesse vs
Il-Kummissjoni

(Kawża T-474/04) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Perossidi organiċi — Deċiżjoni li tiċħad talba sabiex jitneħħew ċerti passaġġi mill-verżjoni finali ppubblikata ta' deċiżjoni li tikkonstata ksur ta' l-Artikolu 81 KE — Żvelar ta' informazzjoni dwar ir-rikorrenti f'pubblikazzjoni ta' deċiżjoni mhux indirizzata lilha — L-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 17 — Sigriet professjonali — Artikolu 287 KE — Preżunzjoni ta' innoċenza — Annullament”)

(2007/C 283/44)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Pergan Hilfsstoffe für industrielle Prozesse GmbH (Bocholt, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Klusmann u F. Wiemer, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Bouquet, aġent, assistit minn A. Böhlke, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2004) D/204343, ta' l-1 ta' Ottubru 2004, safejn tiċħad it-talba tar-rikorrenti intiża sabiex titneħħa kull referenza għaliha fil-verżjoni finali ppubblikata tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/349/KE, ta' l-10 ta' Diċembru 2003, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 [KE] u ta' l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-2/37.857 — Perossidi organiċi) (ĠU L 110, 2005, p. 44).

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2004) D/204343, ta' l-1 ta' Ottubru 2004, hija annullata.
- 2) Il-Kummissjoni hija ordnata tbatlha l-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 45, 19.2.2005.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-4 ta' Ottubru 2007
— Advance Magazine Publishers vs L-UASI — J. Capela &
Irmãos (VOGUE)

(Kawża T-481/04) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedura ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali VOGUE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti VOGUE Portugal — Provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Bord ta' l-Appell — Portata ta' l-eżami mwettaq mill-Bord ta' l-Appell”)

(2007/C 283/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Advance Magazine Publishers, Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Esteve Sanz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Laporta Insa, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI: J. Capela & Irmãos, L^{da} (Porto, il-Portugall)

Suġġett

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Awla tal-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tas-27 ta' Settembru 2004 (Każ R 328/2003-2) dwar proċedura ta' oppożizzjoni bejn J. Capela & Irmãos, L^{da} u Advance Magazine Publishers, Inc.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Awla tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-27 ta' Settembru 2004 (Każ R 328/2003-2) hija annullata.
- 2) L-UASI għandu jbatlha l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk ta' Advance Magazine Publishers, Inc.

⁽¹⁾ ĠU C 57, 5.3.2005.